



Brussell, 3 ta' Settembru 2026

CM 3917/1/26
REV 1

INF
API
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	Mr Fernando Florindo council.transparency@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32.2-281.6196
Suġġett:	AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI – Applikazzjonijiet konfermatorji Nru 41/c/01/26 – Bidu tal-proċedura bil-miktub – Estensjoni tal-iskadenza sal-4 ta' Settembru 2026, NOFSINHAR (ħin ta' Brussell)

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, jekk jogħġbokkom indikaw jekk taqblux ma':

1. l-użu tal-proċedura bil-miktub biex tiġi adottata t-tweġiba msemmija hawn taħt, dwar l-applikazzjoni konfermatorja Nru 41/c/01/26;
2. l-approvazzjoni mill-Kunsill tat-tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 41/c/01/26 kif tinsab fid-dokument 12183/26 + COR 1;
3. il-pubblikazzjoni tal-eżitu ta' din il-proċedura bil-miktub, inkluż l-ismijiet tal-Istati Membri li jivvutaw LE għat-tieni mistoqsija jew li jastjenu, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet unilaterali possibbli.

Tista' twieġeb IVA jew LE għal kull mistoqsija; tista' wkoll twieġeb ASTENSJONI għat-tieni u t-tielet mistoqsija.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir separatament.

It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bil-posta elettronika (council.transparency@consilium.europa.eu) sa mhux aktar tard minn NOFSINHAR tal-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2026, għall-attenzjoni tas-Sur Fernando Florindo, COMM.2.C, Servizi tal-Informazzjoni / Trasparenza.
